MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Numru. 1046/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Renie Persico**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 22 ta` Ottubru, 2013 miġjuba fil-konfront ta` Renie Persico, bin Anthony Persico u Carmen Persico, xebba Sammut, imwieled Pieta` nhar it-2 ta` Marzu, 1980, residenti 28, Edelwiess, Flt 6, Triq Karm Zerafa, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` numru 204680M fejn ġie mixli talli:

1) Nhar 1-10 ta' Diċembru 2011 għall-ħin ta xi 2:30am, fit-Triq tal-Pitkalija H'Attard ikkommetta serq ta 'fuel' minn ġo 'container' liema serq huwa kkwalfikat bil-vjolenza,

bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment tal-kumpanija 'Farenheit' u jew persuni jew entitajiet oħra bi ksur tal-Art. 262(1)(a), 262(2), 270, 271(g) tal-Kap. 9;

2) u aktar talli fl-istess data, 1ok, ħin u ċirkostanzi bħala detentur ta' liċenza taħt xi disposizzjoni ta l-Att dwar l-armi naqas li jħares il-kondizzjonijiet tal-Kummissarju li huma indikati fil-liċenza li taħthom id-detentur ta' liċenza u ċjoe Renie Persico akkwista, trasferixxat, żamm jew kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, arma regolari u/jew munizzjon bi ksur tal-27 tal-Kap 480;
3) U aktar talli fl-istess data, 1ok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u ċioe senter tal-marka Bernardelli numru tas-serje AI0834 fil-waqt li kien qed jagħmel reat ta serq bi ksur ta' l-Art 55 tal-Kap 480;
4) ukoll talli fl-istess data, 1ok, ħin u ċirkustanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv skond Sec. 22 tal-Kap. 446 tas- sentenza mgħotija minn Magt. Dr. A. Demicoli LLD fejn kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien (3)tlett snin mid-data tas-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 11 ta' Frar 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' Renie Persico fl-Artikoli 261(a)(f)(g), 262(b), 270, 271(g), 276, 277(a) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-Artikoli 27, 55(a)(b), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tas-17 ta' Jannar 2014 l-Uffiċjal Prosekutur kien iddikjara li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul is-seduta tal-24 ta' Marzu 2014 din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ukoll li l-imputat għażel li joffri d-deposizzjoni tiegħu nhar il-24 ta' Marzu 2014 u għalhekk il-Qorti, wara li semgħet lill-imputat, u wara li stqarr li ma kellux aktar provi x'jipproduċi, semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u għaddiet biex tgħati s-sentenza ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-każ tal-Prosekuzzjoni jistrieh prinċipalment fuq ix-xiehda ta' żewġ uffiċjali tal-pulizija, PC 265 Kenneth Ciangura u PC 869 Kurt Gauci, kif ukoll Sandro Mallia (rappreżentant ta' Fahrenheit Freight Forwarders Limited) u WPC87 Ismene Fenech (rappreżentant tal-Uffiċju dwar l-armi).

**L-ewwel imputazzjoni**

Mix-xiehda ta' PC 265 Kenneth Ciangura u PC 869 Kurt Gauci jirriżultaw is-segwenti fatti : -

1. fl-10 ta' Diċembru 2011 dawn iż-żewġt uffiċjali tal-Pulizija kienu qed jagħmlu r-ronda. Għal ħabta tas-02:30 irċevew rapport (fejn ħadd minn dawn ix-xiehda ma indika l-provenjenza tiegħu) li setgħa kien hemm xi persuna qed tisraq xi diesel faċċata tal-Pitkalija, fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard – eżatt faċċata tal-gate tal-Pitkalija minn xi trailer tad-ditta Fahrenheit.
2. Marru fuq il-post u sabu Toyota Hilux griż u xi persuna li kienet qegħda tagħmel xi manuvri. Mhux ċar dawn il-manuvri f'hiex kienu jikkonsistu. Pero PC869 jgħid li dan kien qisu aġitat u qiegħed "qisu kien qed jghabbi xi affarijiet" (fol 41).
3. Dil-persuna waqfu ħdejha. Kien hemm it-Toyota Hilux wieqaf viċin ta' żewġ trailers tad-ditta Fahrenheit u distanti xi żewġ metri minnhom. Ir-raġel kien barra mit-Toyota u meta mistoqsi s'kien qiegħed jagħmel, huwa wieġeb li kien għadu kif għamel l-awrina.
4. PC265 jgħid li setgħa jara li kien hemm it-tapp tal-petrol ta' container minnhom miftuħ u kien hemm xi petrol mal-art. Kien hemm tiċpis ta' petrol sew mal-art kif ukoll mat-Toyota Hilux. Fil-kaxxa ta' din il-vettura kien hemm tank tal-petrol li ma kienx mimli kollu u li kien fih petrol u pipe normali li bih setgħa jinġibed il-petrol.

Lill-imputat sabuh barra l-vann, fuq in-naħa ta' ġewwa, jiġifieri bejn il-van u t-trailer u kien eżatt mal-container (ara fol 34). Huma sabu t-tapp tal-petrol tat-trailer miftuh. A fol 37 jgħid li dan it-tapp tal-petrol tat-trailer kien maħlul u ma kienx imkisser – ma kienx f'postu u l-bokka tiegħu kienet miftuħa. U taħt fejn kien hemm din il-bokka tat-tapp miftuħa nnota li kien hemm xi petrol mal-art. Mill-banda l-oħra it-tapp tat-tank tad-diesel tat-Toyota Hilux ma jidhirlux li kien miftuħ. Ra' t-tiċpis mat-Toyota Hilux, miss fejn kien hemm it-tiċpis, u kkonkluda li dan it-tiċpis kien diesel għaliex missu b'subgħajh u xammu (fol 38). Dan kien fejn kien hemm il-landa tal-petrol fil-kaxxa tal-vann. Għalkemm l-imputat kien qallu li kien għamel l-awrina, lill-Pulizija ma kienx qalilhom fejn kien għamel l-awrina. Għalhekk kompla bit-tfitxija, u fil-vann sab li kien hemm senter tal-kaċċa u ċintorin li kien fih l-iskrataċ. Dan is-senter kien vojt, imdaħħal fil-cover tiegħu (li ġew elevati) kif ukoll wara s-seat tax-xufier kien hemm cutter u bastun tal-injam (iżda minn fuq għajnejn ra' li dawn ma ġewx użati għaliex ma kien hemm xejn imqaċċat).

5. PC869 jgħid li lill-imputat rawh barra l-van u kien jidher aġitat qisu qed jgħabbi xi ħaġa fil-vann. Kif resqu lejh u staqsewh x'kien qed jagħmel huwa qalilhom li kien qiegħed jagħmel l-awrina, kif ukoll li kien qiegħed jistenna lil xi ħabiba u beda jurihom xi messaġġi. Jgħid ukoll li ra' t-tapp tad-diesel tat-trailer li kien miftuh. Jidher li nnotaw ukoll li kien hemm xi diesel mal-art u PC265 niżel mal-art, miss il-likwidu b'idejh, xammu u qallu li dan kien diesel (għalkemm PC265 dan l-episodju ma jirrakkuntahx). Biss dan ix-xhud ma messx il-likwidu għax l-imputat kien qal li kien għamel l-awrina u m'azzardax imissu; għalkemm aktar tard jgħid ukoll li kien hemm tiċpis ta' diesel mal-vann u li kien il-kollega tiegħu PC265 li "xamm l-affarijiet, li kien hemm ma' l-art ukoll" (fol 48). Bħal ma qal PC265, dan ix-xhud jgħid li meta ttawwal fil-Hilux ra li kien hemm landa diesel li ma kienetx mimlija kollha, kif ukoll kien hemm tiċpisfuq il-vann li kien jidher li kien għadu frisk, ċioe kien għadu jqattar (fol 42). Lill-imputat sabuħ barra l-vann ċioe bejn il-van Hilux u t-trailer. Il-van Hilux kien ipparkjat qisu żewġ metri l-bogħod minn mat-trailer u l-vann hilux kien mitfi. Minbarra dan id-diesel dan il-kuntistabbli jgħid ukoll li meta għamlu tiftix fil-vettura misjuqa mill-imputat sabu wkoll senter fuq is-seat ta' wara, cutter u speċi ta' lembuba. Mistoqsi x'qal l-imputat dwar x'kien ser jagħmel b'dak is-senter, dan ix-xhud għal bidu ma ftakarx, iżda aktar tard stqarr "Zomm li kien sejjer ghal kacca filghodu kmieni". Dan is-senter ġie elevat.

6. Sandro Mallia, rappreżentant ta' Fahrenheit Freight Forwarders Limited xehed b'mod ġeneriku u vag dwar serq ta' diesel li kien qiegħed isir mit-trakkijiet tagħhom – pero ma kienx jaf bi preċiżjoni meta seħħ dan il-każ. Kien hemm diversi episodji ta' tali serq. Biss jiftakar li l-Pulizija kien infumawh li kienu sabu lil xi ħadd qed jieħu d-diesel mit-trakkijiet. Jiftakar li kien ġie infurmat b'dan permezz ta' telefonata mill-Pulizija. Huwa ma marx fuq il-post, pero t-trailers tal-kumpanija tiegħu kienu jkunu parkeġġjati Ta' Qali u jkollhom il-generators jaħdmu biex ikseħu l-kontenut tagħhom. Kien jinnota li minħabba dan is-serq ta' diesel it-tank (li kien jesgħa xi 225 litri diesel, sa' filgħodu kien ikun jiżvojtja. Għalkemm kienu għamlu diversi rapporti mal-kuntistabbli Kenneth Ciangura, sa fejn jaf hu apparti dik id-darba li kienu ċemplulu u infurmawh li kienu qabdu lil xi ħadd, ma kienx hemm drabi oħra fejn infurmawh li kien inqabad xi ħadd jieħu d-diesel. Minħabba fil-fatt li kien qed ikollhom ħafna serq ta' diesel u ħadd ma jinqabad, kien għamel sistema komputerizzata li kienet taħdem ukoll bis-satellita li kienet tagħtih informazzjoni

dwar il-konsum tad-diesel. Meta jkun hemm serq ta' diesel din is-sistema kienet tagħmel graph li turi waqa' f'daqqa tal-livell tad-diesel fit-tank – a differenza ta' meta ma kienx ikun hemm serq fejn il-konsum ikun jidher nieżel bil-mod il-mod (ara fol 76 u 77). Dak in-nhar ta' meta rċieva t-telefonata mingħand il-Kuntistabbli tal-Pulizija Kenneth Ciangura, huwa kien iċċekkja l-computer b'riferenza għal dak it-trailer bin-numru li kienu rrapurtawlu l-Pulizija, (u għalkemm matul din ix-xiehda tiegħu ma kienx f'posizzjoni li jiftakar u jidentifika n-numru tat-trailer), a fol 77 tenna li dak in-nhar kien irriżultalu li fil-fatt kien hemm il-livell tad-diesel li kien waqa' f'daqqa u li kien hemm serq ta' madwar 150 litru (ara fol 78).

7. L-imputat minn naħa tiegħu għażel li jixhed. Qabel pero huwa kien irrilaxxja tliet stqarrijiet. F'kull waħda minn dawn l-okkażjonijiet l-imputat ċaħad li huwa seraq xi diesel meta dak in-nhar kien ġie misjub f'dak il-post mill-Pulizija. Fl-istqarrija tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2011 fis-16:45 huwa qal li kien qiegħed jistenna waħda f'dak il-post. Kellu landa diesel fil-vettura għaliex ġieli dan il-van kien jieqaf minħabba li l-guage tad-diesel ma kienx jaħdem sew. Qal li kien xtara żewġ guages, pero kien għadu ma nstalla ebda wieħed minnhom għaliex kien qiegħed jistenna li jaqla' t-tank biex jagħmel dan. Dan il-vann kien jużah għax-xogħol tiegħu fl-irħam u l-għodda li sabu fil-vann kienet intiża għax-xogħol tiegħu. Fil-vann verament kellu landa mimlija nofsha bid-diesel u dan id-diesel kien xtrah xi erbat ijiem qabel u nofs din il-landa kien tefgħu fil-vann. Konfrontat bil-mistoqsija li l-pulizija tal-mobile kienu rawh jgħabbi landa fil-vann tiegħu meta marru fuqu, huwa wieġeb li dan ma kienx veru għaliex sabuh bil-vann startjat miexi (fol 21) għaliex kien qiegħed jipprova l-vann. Mistoqsi dwar id-diesel li kien hemm mal-art, l-imputat wieġeb li dak kien diesel, pero jgħid li dan kin ġej mill-vann tiegħu. Fir-rigward tal-awrina, l-imputat jgħid li lill-pulizija kien qalilhom li mal-art kien hemm awrina, ilma u diesel.

8. L-għada reġgħha rrilaxxja stqarrija oħra fejn għal darb'oħra huwa tenna li meta sabuh il-Pulizija huwa kien startjat u qed isuq (fol 23) kien għadu kemm jaqla għaliex kien qiegħed jipprova l-vann wara li kien waqaf. Ċaħad li kien hu li fetaħ it-tapp tat-tank tal-container tal-Fahrenheit u li tella d-diesel li kienu sabulu. Anzi tenna li l-landa tad-diesel kien xtraha miz-Zejtun ċjoe mill-pompa li qegħda fi Triq tal-Barrani u kien it-Tlieta meta xtraha.

9. Fis-17 ta' Diċembru 2011 irrilaxxja stqarrija oħra fejn reġgħa ċaħad li kien qal lil Pulizija li huwa kien ammetta magħhom u li ma xtaqx li fuq serq ta' landa diesel iġibuh fl-inkwiet mat-tfajla. Huwa ikkonferma li l-vann Toyota Hilux FAG-038, il-landa tad-diesel, il-pipe, l-għodda u l-injama li sabu l-pulizija dak inhar tal-10 ta' Diċembru 2011 kienu fil-fatt tiegħu. Qabel ukoll li f'dak il-lejl li kien ġie arrestat kien qiegħed eżatt quddiem container/trakk/van tal-kumpanija Fahrenheit fi Triq il-Pitkalija bejn Ta' Qali u Ħ'Attard. Mistoqsi dwar il-fatt li l-Pulizija raw it-tiċpis tad-diesel mal-art anki fejn il-container/trakk/van tal-Fahrenheit, l-istess imputat stqarr li huwa kien fehem lill-Pulizija li dak kien ġej mill-vann tiegħu għaliex kellu l-ħsara fih u prova jurih lill-Pulizija. Għat-tielet darba reġgħa tenna li meta sabuh il-Pulizija huwa kien qiegħed miexi. Reġgħa qal li l-Pulizija ma kienux kelmu lill-Pulizija li jkun għassa ta' Qali stess. Għalaq billi qal li meta l-Pulizija marru fuq il-post huwa kien ilu hemm xi tliet minuti, erbgħa b'kollox (fol. 26).

10. Meta xehed fl-24 ta' Marzu 2014 l-imputat tenna l-verżjoni preċedenti tiegħu u elabora wkoll fuqha. Żied li dakinhar huwa kien waqaf fejn il-Pitkalija u stqarr li kien :

bil-vann u mbaghad dak il-hin beda jimmisja ghax il-van tieghi ma jiehux fejn taghtih il-fjuwil ma ghandux, jekk tinnota fir-ritratti ma ghandux l-ebda post fejn taghtih id-diesel. Waqaft naghtih id-diesel ghax il-guage tieghi ma kienx qed jahdem inseomma, kien qed jimmisja u jiena kont qed nistenna persuna hemm hekk, kif l-Ispettur jaf dan kollox ghax qara l-messaggi tieghi. Jien sa dan it-tant startjajt il-van, imxejt ftit puvajtu, ergajt waqaft, ghamilt l-awrina mat-tyre u kif kont sejjer biex niltaqa' ,a' l-persuna gew il-Pulizija u qaluli li qed tisraq id-diesel.

11. Iżid jgħid li kien hu li ta s-senter lill-Pulizija u ħaduh id-Depot fejn kellem lil Spettur li xlieħ li kien qed jisrraq id-diesel u jgħid ukoll li qallu "int bis-serjeta' ha tressaqni ghal landa diesel u ta' kollox qed twahhal fija, ghidlu ha ggibli f'dan l-inkwiet kollu, ghidtlu ghal nofs landa diesel". A tergo ta' fol 89 l-istess xhud pero jerġa jtenni li huwa kien miexi, startja u telaq meta sabuh il-Pulizija – u dan wara li kien għadu kif ta d-diesel lil van tiegħu. L-imputat ikompli jżid li l-vann tiegħu ma għandux tapp minn fejn ittih id-diesel u dan għaliex kien eliminahulu. It-tapp kien iwweldjaħħulu u għalhekk kien itiħ diesel hu minn taħt minn ħdejn il-magna. Dan huwa kien għamlu għal gost biex jidher isbaħ fid-dehra. Huwa kien normali għalih li jżomm il-landa tad-diesel miegħu fil-kaxxa tal-vann u kien normali li jimla t-tank tad-diesel minn taħt.
12. Fuq domanda tal-qorti, huwa tenna li sakemm kien qiegħed wieqaf, għalkemm jgħaddu ħafna karozzi minn dik it-triq, ma jiftakarx li kien hemm xi karozzi li waqfu hemmhekk. Huwa jgħid li ma kienx fid-dlam – anzi kien fid-daħla tal-Pitkali u hemmhekk jibqgħu għaddejjin il-karozzi u l-vannijiet. Pero ma kienx jidhirlu li kien hemm xi ħadd li waqaf fejnu (fol 93). Jgħid ukoll li l-Pulizija kienu waqfu wkoll xi karozza oħra – xi Suzuki bluna – pero ma jafx għalfejn.
13. Dwar l-oġġetti li nsatbu fil-vann huwa jgħid li s-senter kien ħadu miegħu bl-iskuża li kien sejjer għal kaċċa. Huwa jgħid li huwa għandu liċenza tal-kaċċa. Iżda dak in-nhar lill-mara kien qallha li kien sejjer għal-kaċċa mentri fil-fatt kien sejjer jiltaqa' ma ħabiba tiegħu. Kwantu għall-għodda li nstabu fil-vann huwa jtenni li l-affarijiet li nstabu ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ u kien tax-xogħol tiegħu. Kellu l-kaxxa tal-għodda li kienet tingħalaq bil-katnazz, pero dak in-nhar inzerta li kien neħħihielu. L-injama kien żammha wara s-seat, pero jgħid li dik l-injama kienet bla użu...

***Ikkunsidrat : -***

Minn dan ir-rijassunt tal-provi joħorġu diversi kuntrasti li jikkaratterizzaw dan il-każ. Mingħajr tlaqlieq, din il-Qorti jidhrilha li l-verżjoni tal-fatti supplita mill-imputat apparti li ma taqbilx ma' dik mogħtija mill-Uffiċjali tal-Pulizija li xehedu f'aspetti importanti tal-każ, mhix kredibbli. Il-verżjoni tal-fatti rakkontata mill-Uffiċjali tal-Pulizija hija konsistenti

waħda mal-oħra u hemm elementi fix-xiehda tagħhom li mhux biss jikkorroboraw lil xulxin, iżda li jsawru evidenza ċirkostanzjali li bis-saħħa tagħha, il-Qorti tqis li l-istess Prosekuzzjoni irnexxielha tipproduċi provi biżżejjed biex toħloq preżunzjonijiet ta' fatt li in bażi tagħhom ipprovat sal-grad rikjest mill-Liġi l-ewwel imputazzjoni, bil-mod kif sejjer jingħad. Verament li l-Pulizija setgħet mexxiet l-indaġini aħjar u setgħet kienet aktar komprensiva fil-ġbir tal-provi tagħha; madanakollu ma jfissirx li bil-provi li resqet ma pruvatx il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-Liġi.

L-ewwel imputazzjoni u (l-konsegwenzjali) t-tielet imputazzjoni jistrieħu fuq evidenza ċirkostanzjali. Il-Blackstone's **Criminal Practice,**[1] jikkwota lil Lord Simon fil-każ DPP v Kilbourne[2] fejn fis-silta l-aktar rilevanti jingħad hekk : -

> "The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities. [3]

Inoltre, fil-każ Teper v The Queen[4] Lord Normand stqarr :

> Circumstantial evidence may sometimes be conclusive, but it must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another...It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.[5]

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ bl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, wieħed jista jasal għall-konklużjoni li l-fatti kif seħħew huma skont dak mistqarr mill-Prosekuzzjoni u għalhekk jistgħu iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Minkejja li ma kien hemm ebda xhud li ra' lill-imputat iwettaq is-serqa tad-diesel mit-tank tat-trailer tal-kumpanija Fahrenheit, teżisti evidenza ċirkostanzjali b'saħħitha biżżejjed biex tikkonvinċi lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar preżunzjonijiet ta' fatt fir-rigward ta' kif seħħew verament il-fatti

[1] 2013, F1.18 to F1.27
[2] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.
[3] Ara wkoll Exall (1866) 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.
[4] [1952] AC 480 at 489.
[5] Ara wkoll Archbold, Criminal Pleading Evidence and Practice, 2013; 10-3.

f'dan il-każ. Kif mistqarr mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-każ : **Il-Pulizija vs James Abela**[6], preżunzjoni ta' fatt :-

> tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."

F'dan il-każ il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni għar-raġunijiet segwenti : -

1. Il-Pulizija marru fuq il-post mhux b'kumbinazzjoni, iżda għaliex għal ħabta tas-02:30 kienu irċevew rapport li kien hemm xi persuna qed tisraq xi diesel faċċata tal-Pitkalija, fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard – eżatt faċċata tal-gate tal-Pitkalija minn xi trailer tad-ditta Fahrenheit. Fil-fatt meta waslu fuq il-post sabu lill-imputat fil-post fejn kien ġie senjalat lilhom.
2. Mal-wasla tagħhom fuq il-post iż-żewġt Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu sabu l-vann Toyota Hilux misjuq mill-imputat ipparkjat biss madwar żewġ metri l-bogħod mit-trailer tad-Ditta Fahrenheit, mnejn daħlilhom ir-rapport li kien qiegħed jinsteraq id-diesel.
3. Lill-imputat rawh <u>**barra mill-vann**</u> jagħmel xi manuvri. PC869 jgħid li dan kien qisu aġitat u qiegħed "<u>**qisu kien qed jghabbi xi affarijiet**</u>". Il-fatt kif l-imputat, persuna li ma jirriżultax li għandha xi rabta mal-Pitkalija jew mat-trailers tal-kumpanija Fahrenheit, tkun tinstab f'dak il-post preċiż fis-02:30 ta' fil-għodu huwa stramb fih innifsu. Aktar u aktar meta kien qiegħed barra l-vann tiegħu u jidher li kien qiegħed jagħmel xi "manuvri".
4. PC869 kien speċifiku fuq in-natura tal-manuvra li ra' lill-imputat jagħmel. Min ikun qiegħed jagħmel l-awrina barra, naturalment ikun qiegħed jagħmel forma ta' manuvra. Pero din ma kienetx il-manuvra li l-Pulizija rah jagħmel. Din il-manuvra kienet deskritta bħala waħda speċifika u ċioe ta' wieħed <u>**qisu jgħabbi xi affarijiet.**</u> Din il-verżjoni hija verosimili għaliex il-vann tal-imputat għandu l-kaxxa tiegħu mikxufa u għalhekk tagħmilha faċli għal persuna li minn barra l-vann tgħabbi xi oġġett fih.
5. Il-Pulizija resqu lejn l-imputat u waqfu ħdejh. Il-vann Toyota Hilux dak il-ħin kien wieqaf. Ma kienx miexi kif jgħid l-imputat. Anzi kien wieqaf viċin ta' żewġ trailers tad-ditta Fahrenheit f'distanza ta' xi żewġ metri biss il-bogħod minnhom. Meta mistoqsi s'kien qiegħed jagħmel, l-imputat wieġeb : -

   (a) li kien għadu kif għamel l-awrina;

   (b) li kien qiegħed jistenna ħabiba tiegħu hemmhekk;

   (c) apparti li fix-xiehda tiegħu l-imputat jagħti wkoll it-tielet raġuni ċioe

   waqaf hemmhekk u ċioe għaliex kien beda jaqta l-vann minħabba li ma kellux

[6] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju 2002.

diesel u waqaf biex itih id-diesel.

Ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma huma qegħdin jitqiesu attendibbli minn din il-Qorti.

6. Għalkemm l-imputat kien qal li kien għamel l-awrina, PC265 jgħid li l-imputat ma kienx qalilhom **fejn** kien għamel l-awrina. L-anqas ma ġie pruvat li l-likwidu li kien hemm mal-art kien fil-fatt ilma, awrina u diesel kif mistqarr mill-istess imputat. Anzi jekk xejn, għalkemm PC869 m'azzardax li jmiss il-likwidu li kien hemm mal-art għaliex l-imputat kien qallu li kien awrina, l-istess kuntistabbli jgħid li l-kollega tiegħu PC265 mess dan il-likwidu b'subgħajh u induna li dan kien diesel. Skont ix-xiehda tal-imputat (a fol 92 u a tergo tal-istess paġna) huwa kien waqaf hemmhekk f'post li kien "quddiem is-sigrieta (*sic!* security) tal-pitkalija u quddiem Pulizija u quddiem hames (5) cameras" kif ukoll li ma kienx fid-dlam u l-anqas kien f'post imwarrab. Fil-fehma tal-Qorti ma jagħmilx sens li persuna tieqaf tagħmel l-awrina f'post fejn hemm dan kollu u allura skont l-istess imputat tista tgħid li kien f'għajnejn in-nies.
7. L-istess konsiderazzjoni tmur għall-allegazzjoni li kien waqaf hemmhekk ukoll biex jistenna lil xi ħabiba tiegħu għal (minn dak li tista tifhem il-Qorti) xi skappatura. Ma jagħmilx sens li għal skappatura tmur tistenna lil ħabiba f'post li skont l-istess imputat huwa daqshekk espost u fl-istess ħin tmur hemm bil-vann tax-xogħol kollu trab u imbarazz, u tipparkja żewġ metri l-bogħod minn trailer tad-ditta Fahrenheit fl-isfond ta' kif instab l-imputat. Inoltre, għalkemm l-imputat qal lill-Pulizija li kien qiegħed jistenna xi ħabiba tiegħu fuq il-post ma ġiex pruvat li resqu xi persuni oħrajn lejhom waqt li kienu hemmhekk – la femminili u l-anqas maskili. Għalkemm l-imputat jgħid li lill-Pulizija u lill-Ispettur kien urihom xi messaġġi allegatament mibgħuta minn xi ħabiba tiegħu la l-Pulizija u l-anqas l-imputat ma xehdu dwar x'kienu jgħidu dawn il-messaġġi, minn min intbgħatu u fi x'ħin intbagħtu.
8. Waqt li kien qiegħed iseħħ dan kollu l-imputat kien qiegħed barra l-vann tiegħu, wieqaf fuq in-naħa ta' ġewwa, ċjoe bejn il-vann tiegħu u t-trailet tal-Fahrenheit. Id-distanza bejn il-vann bil-kaxxa miftuħa u t-trailer kienet ta' madwar żewġ metri. Konsegwentement, il-posizzjoni tal-imputat bilfors kienet aktar viċina tat-trailer. Anzi PC265 a fol 34 jgħid li lill-imputat sabuh "eżatt mal-container". Jgħid ukoll li fuq dik in-naħa tat-trailer huwa setgħa jara li kien hemm it-tapp tal-petrol ta' container minnhom **li kien miftuħ u kien hemm xi "petrol" mal-art**. **Kien hemm tiċpis ta' petrol sew mal-art kif ukoll mat-Toyota Hilux**. **Fil-kaxxa ta' din il-vettura kien hemm landa bid-diesel li ma kienx mimlija kollha, kif ukoll kien hemm pipe normali li bih setgħa jinġibed il-petrol.**
9. Dak il-ħin li l-imputat kienu għadhom kif rawh jagħmel manuvri bħal qisu wieħed qiegħed jgħabbi xi ħaġa fil-vann, huwa instab eżatt mal-container, li kellu t-tapp tat-tank tiegħu miftuh jiġifieri ma kienx f'postu u l-bokka tiegħu kienet miftuħa. Apparti dan f'dak l-istess post, kien hemm id-diesel mal-art **taħt** fejn kien hemm din il-bokka tat-tapp miftuħa. Dan jikkontrasta ma dak li qal l-imputat li d-diesel li kien hemm mal-art kien ġej mill-vann tiegħu. Għalkemm veru li kienu xi żewġ metri bogħod minn xulxin, id-diesel mal-art **ma kienx taħt it-Toyota Hilux iżda taħt it-tank tat-trailer** minn fejn kien qiegħed jinġibed id-diesel.

10. PC265 jgħid li huwa ra' wkoll it-tiċpis mat-Toyota Hilux, miss fejn kien hemm it-tiċpis, u kkonkluda li dan it-tiċpis kien diesel għaliex missu b'subgħajh u xammu (fol 38). PC869 jgħid li l-kollega tiegħu mess ukoll b'sebgħu dan id-diesel u xamm li kien diesel. Fil-fatt id-diesel għandu riħa karatteristika li ma hemmx għalfejn li tkun espert biex tagħrafha u hija riħa ferm differenti minn dik tal-awrina. Apparti minn hekk it-tapp tat-tank tad-diesel tat-Toyota Hilux instab minn PC265 li kien magħluq. U Anzi l-imputat jgħid li kien iwweldjah!
11. Minbarra dan hemm fattur importanti li huwa l-landa tad-diesel li instabet nofsha mimlija fil-kaxxa tal-vann misjuq mill-imputat, akkumpanjata b'pipe deksritt bħala "normali" li minnu jiġi miġbud id-diesel. Din hija sejba sinjifikattiva immens meta wieħed jikkonsidra li l-imputat instab fċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija. L-imputat ma jiċħadx li huwa f'dak il-post fejn instab kien uża kemm il-landa kif ukoll il-pipe – biss hu jgħid li dawn użahom għaliex hekk kif wasal hemmhekk il-vann beda jaqta', kellu l-guage ma kienx jaħdem sew u għalhekk filli jimmarka sew filli le, u minħabba f'hekk niżel biex jimla' t-tank tal-vann misjuq minnu bid-diesel li skontu kien qiegħed hemm fil-kaxxa tal-vann għaliex kien normali li kien iġorr din il-landa miegħu kulfejn kien imur għaliex minflok kien jitma' t-tank tal-vann mit-tapp tad-diesel, peress li kien iwweldjah kien jimla dan it-tank minn fetħa li huwa kien għamel ħdejn il-magna. Din hija spejgazzjoni alkwantu stramba biex jipprova jiġġustifika li kien hemm it-tiċpis tad-diesel mal-vann u l-irqajja tad-diesel mal-art taħt it-tank tad-diesel tat-trailer. Biss il-Qorti tqis din il-verżjoni wisq inverosimili u għalkemm hija possibbli, ma tissodisfax il-grad tal-probabbli dwar dak li verament seħħ fis-siegħat bikrin tal-11 ta' Diċembru 2011.
12. Apparti minn hekk hemm ukoll id-deposizzjoni ta' Sandro Mallia, rappreżentant ta' Fahrenheit Freight Forwarders Limited li għalkemm ta' xiehda mhux daqshekk preċiża, stqarr żewġ fatturi importanti ħafna fir-riżoluzzjoni ta' dan il-każ :
    (a) Huwa tenna li sa fejn jaf hu apparti dik id-darba li kienu ċemplulu u infurmawh li kienu qabdu lil xi ħadd, ma kienx hemm drabi oħra fejn infurmawh li kien inqabad xi ħadd jieħu d-diesel.
    (b) Dak in-nhar ta' meta rċieva dit-telefonata mingħand il-Kuntistabbli tal-Pulizija Kenneth Ciangura, huwa kien iċċekkja l-computer b'riferenza għal dak it-trailer bin-numru li kienu rrapurtawlu l-Pulizija, (u għalkemm matul din ix-xiehda tiegħu ma kienx f'posizzjoni li jiftakar u jidentifika n-numru tat-trailer), a fol 77 tenna li dak in-nhar kien irriżultalu li fil-fatt kien hemm il-livell tad-diesel li kien waqa' f'daqqa madwar 150 litru (ara fol 78) meta dan it-tank **<u>mimli</u>** jesgħa 225 litri.
13. Oltre dan hemm ukoll il-fattur l-ieħor li joħroġ mid-deposizzjoni tal-imputat a fol 89 u a tergo. Biex ma jkunx hemm lok għal ekwivoku is-silta rilevanti ser tiġi riprodotta verbatim –

> Tajtu s-senter, qad insomma jara jekk hux mimli jew mhux mimli u mbaghad qalli "ejja nitilghu sad-Depot imbaghad nerghu inkelmuk" u jien mort id-Depot insomma mieghu u Spettur iehor ma nafx min kien qalli "huwa mhux l-ewwel darba inti li sraqt id-diesel" u kif qalli hekk jiena vera fort ghalih, jiena rrabjajt. Ghidlu "inti bis-serjeta' ha tressaqni ghal landa diesel u ta' kollox qed twahhal fija, ghidlu ha ggibli f'dan l-inkwiet kollu", ghidlu "ghal

nofs landa diesel" u nsomma baqa' jinsisti u mbaghad tefghani isfel, beda jtellani fuq jghidli "inti ammetti issa nibghatek, ammetti u nibghatek qisu beda jghidli "ammetti u nibghatek" u bqajt jiena insomma nghidlu li mhux minnu.

14. Din is-silta hija sinjifikattiva meta aktar qabel fl-istqarrija tiegħu, a fol 21, l-imputat għal mistoqsija tal-Ispettur tal-Pulizija li tgħid hekk –

M : Dan kif ammettejt mal-pulizija tal-mobile il-bierah u llum qed tghid xi haga ohra, ghax inti stess gejt ikkwotat tghid lill-pulizija "U ejja ha ggibuni fil-hara fuq landa diesel?" xi tghdi dwar dan.

T : Iwa vera ghidt hekk, " U ejja ha ggibni fil-hara mat-tfajla fuq landa diesel".

15. L-argument migjub mill-imputat dwar il-fatt li kellu s-senter tal-kaċċa fil-vettura huwa dak li jikkreja alibi mat-tfajla tiegħu għaliex kien sejjer joħroġ fis-02:30 ta' fil-għodu – ċioe jgħidilha li sejjer għall-kaċċa mentri fil-fatt skont hu kellu jiltaqa' ma xi ħabiba tiegħu. Biss minn dan il-konfront bejn l-istqarrijiet tal-imputat jidher li l-preokkupazzjoni prinċipali tal-imputat a tempo vergine ma kienetx daqstant li jiġi mikxuf li huwa kien hemmhekk fuq skappatura – iżda minhabba l-fatt li fuq landa diesel huwa kien sejjer jiġi mressaq il-Qorti u għalhekk kien sejjer, skont hu, jiġi fl-inkwiet mat-tfajla tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti għalkemm ma tistax tasal li tgħid li din l-istqarrija tal-imputat tammonta għal xi ammissjoni li huwa seraq id-diesel, tixħet dawl ċar fuq fejn kienet il-preokkupazzjoni prinċipali tal-imputat meta kien qiegħed jiġi arrestat. Minbarra dan mid-deposizzjoni tiegħu ukoll jirriżulta li huwa kien inkwetat mhux daqstant fuq il-fatt li kien sejjer jiġi mressaq fuq in-nofs landa diesel, iżda għaliex skont hu, l-Ispettur kien qiegħed iwaħħal fih għas-serq kollu tad-diesel li kien seħħ mit-tank tad-diesel tat-trailers tal-Fahrenheit. Huwa jgħid hekk : Ghidlu "inti bis-serjeta' ha tressaqni ghal landa diesel u ta' kollox qed twahhal fija, ghidlu ha ggibli f'dan l-inkwiet kollu", ghidlu "ghal nofs landa diesel". Mill-provi prodotti, għalkemm konvinta li l-imputat kellu sehem fis-serq tad-diesel mit-tank tat-trailer tal-kumpanija Fahrenheit, ma għandhiex prova li kien hu li għamel is-serqiet kollha tad-diesel. Għalhekk il-Qorti ma tistax twaħħal fih ta' kollox!

16. Għalkemm huwa veru li ma nġabitx prova forensika dwar in-natura tad-diesel li kien hemm fit-tank tad-diesel tat-trailer, id-diesel li kien hemm mal-art, id-diesel li kien imċappas mal-vann kif ukoll id-diesel li kien jinstab fil-landa tal-imputat – il-verżjoni tal-fatti tal-imputat tant tistrieh fuq sensiela ta' kumbinazzjonijiet li fil-fehma tal-Qorti mhix ta' min jorbot fuqha. Anke l-imputat stess għandu diffikulta loġika biex isegwi l-verżjoni li ta' hu. Fuq il-post fejn instab, f'dawk iċ-ċirkostanzi daqshekk kompromettenti din il-Qorti ssibha bil-wisq diffiċli temmen li, almenu fuq il-bażi tal-probabbli li huwa instab fuq dak il-post partikolarissimu f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolarissimi (a) imur hemmhekk fis-02:30 jistenna ħabiba tiegħu u fl-istess ħin jieqaf hemmhekk għaliex il-vann tiegħu kien beda jaqta l-vann minħabba li ma kellux diesel u għalhekk waqaf biex itih id-diesel filwaqt li fil-kontemp kien għadu kif għamel l-awrina – u dan, skont hu stess meta kien ilu fuq dak il-post biss skont dak li qal fl-istqarrija tiegħu a fol 26 "tliet minuti erbgha, 'bkollox"!

17. Illi minn dak imressaq quddiemha u analizzat aktar il-fuq, il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li meta ġie mlemmaħ mill-Pulizija, l-imputat waqqaf il-van Toyota Hilux xi żewġ metri l-bogħod minn ma' wieħed mit-trailers tal-kumpanija Fahrenheit, niżel bejn il-vann u dan it-trailer, niżżel miegħu il-landa tal-plastik u l-pipe u beda jisraq id-diesel mit-tank tat-trailer tal-Fahrenheit billi mit-tank tat-trailer billi huwa bil-pipe, bis-sistema tas-sifun, beda' jniżżel ammont ta' diesel fil-landa li wara nstabet fil-kaxxa miftuħa tal-vann Toyota Hilux misjuq minnu. Biss meta lemaħ il-karozza riesqa lejh huwa waqqaf ħeżrem din l-operazzjoni, qala' l-pipe minn ġol bokka tat-tapp tat-tank tat-trailer, waddab il-landa tal-plastik u l-pipe fil-kaxxa tal-vann (u din kienet il-manuvra li PC869 raħ jagħmel ċioe "qisu jgħabbi xi affarijiet") iżda ma laħaqx għalaq it-tapp tat-tank tad-diesel tat-trailer. Minbarra dan, kemm waqt il-ġbid tad-diesel bis-sistema tas-sifun, kif ukoll meta ġibed il-pipe minn ġot-tank bl-għaġla, ġara wkoll li waqqgħa xi diesel mal-art **<u>taħt it-tank</u>** tad-diesel tat-trailer u wara huwa u jgħabbi l-landa fil-kaxxa tal-van, ċarċar ukoll xi diesel mal-istess vann.
18. Fil-fatt PC265 jgħid li mess tiċpis fuq il-vann li mir-riħa tiegħu ikkonkluda li kien diesel. Tiċpis fuq il-vann jirriżulta li kien hemm kemm fir-ritratt a fol 28 markat "X" fejn jidher li fuq in-naħa ta' ġewwa tiegħu ċioe fuq il-ġenb u fuq il-mudguard tar-rota posterjuri tan-naħa tal-lemin tal-vann Toyota hemm sinjal ċar ta' tiċpis ta' likwidu li jikkuntrasta bil-kbir il-kumplament tal-area tal-ġenb li tidher mimlija trab abjad. Dan it-tiċpis jirriżulta wkoll f'ċarċir ta' likwidu kif jidher minn mal-ġenb tal-mudguard b'mod partikolari fejn hija milquta bil-flash light tal-camera li minnha ttieħed ir-ritratt fejn hemm is-sinjali taċ-ċarċir tal-likwidu. Minbarra dan hemm ukoll ir-ritratt immakat "Y" li juri wkoll irqajja skuri għalkemm mhux daqshekk karatteristiċi daqs dawk misjuba fuq ir-ritratt "X". Barra minn dan it-tapp tal-landa tal-plastik jinsab fuq in-naħa ta' ġewwa u mhux fuq in-naħa ta' barra tal-vann u dan iwassal għal raġuni aktar plawżibbli li t-tiċpis jirriżulta kif jidher fir-ritratt "X" – ċioe' t-tiċpis fuq in-naħa ta' ġewwa tal-vann – ossija fejn kien ipparkjat faċċata tat-trailer tal-Fahrenheit u minn fejn ġie mgħobbi mill-imputat hekk kif ra' l-karozza riesqa lejh.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Imiss issa li l-fatti pruvati jiġu applikati għall-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat kien qiegħed jisraq id-diesel kif ingħad aktar il-fuq. Ġie pruvat li dan is-serq huwa kwalifikat bil-ħin stante li seħħ madwar is-02:30, ċioe bil-lejl, bejn inżul u tlugħ ix-xemx. Ġie pruvat ukoll li huwa kwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa stante li ġie pruvat li dan is-serq seħħ fuq oġġett li kien jinsab ġo vettura li kienet f'post pubbliku. Tibqa pero l-kwalifika tal-vjolenza. Huwa minnu li l-imputat instab li kellu senter tal-kaċċa u ċintorin b'53 skartoċċ fih. Jirriżulta mill-provi li dan is-senter kien jinstab fil-vann tal-imputat u li meta ġie misjub mill-Pulizija kien qiegħed fil-cover tiegħu u ma kienx ikkargat. Dan joħroġ

ċar mix-xiehda ta' PC265 a fol 30 li jgħid li "nirrimarka li s-senter kien vojt u mdahhal fil-cover". Fil-fehma tal-Qorti biex il-kwalifika tal-vjolenza tirnexxi skont l-Artikolu 262**(1)**(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-ħalliel ikun irid **jippreżenta ruħu armat**. F'dan il-każ fil-mument li l-Pulizija sabuh barra l-vann fuq in-naħa ta' ġewwa bejn il-vann u t-trailer l-imputat ma kienx qiegħed armat bis-senter f'idu. Anzi dan is-senter kien fil-vettura, ma kienx lest għall-użu, kien skarikat u kien għadu fl-għata tiegħu. Din il-Qorti tqis li din il-kwalifika f'dan il-każ għalhekk ma ġietx sodisfatta għaliex fil-fehma tagħha ir-ratio legis f'din il-kwalifika huwa ben divers minn dak li ġie pruvat f'dan il-każ. Il-Qorti tqis li l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil dan l-Artikolu għandha tkun waħda ristretta trattandosi ta' Liġi penali. Għalhekk il-Qorti sejra ssib li l-ewwel imputazzjoni ġiet pruvata mingħajr il-kwalifika tal-vjolenza.

Mistqarra din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 261(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sejra tgħaddi għall-interpretazzjoni tat-tielet imputazzjoni. Din hija msejsa fuq l-Artikolu 55(a) li jipotizza r-reat ta' persuna li fil-waqt li tkun qed tikkommetti r-reat ta' serq ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti. F'dan il-każ jirriżulta li fil-waqt li kien qiegħed jagħmel ir-reat ta' serq l-imputat ma kellux fuq il-persuna tiegħu is-senter. Għalhekk anke din l-imputazzjoni ma ġietx soddisfaċentement pruvata u l-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati tagħha.

Kwantu għat-tieni imputazzjoni jingħad li l-Prosekuzzjoni resqet bi prova x-xiehda ta' WPC87 Ismene Fenech minn fejn jirriżulta li l-imputat kellu liċenza valida għall-ġarr ta' arma tan-nar għall-kaċċa ta' għasafar fuq l-art, għaż-żamma ta' arma tan-nar għal "target shooting" jew kaċċa kif ukoll kellu t-target shooter B – għall-ġarr ta' arma tan-nar għall-isparar fuq plattini minn u għal range liċenzat. L-imputazzjoni kontestata lill-imputat hija dik li titnissel mill-Artikolu 27 tal-kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta li jippreskrivi s-segwenti:-

27. (1) Liċenza maħruġa skont ma hemm f'dan l-Att għandha
tkun bla ħsara għal kull kondizzjoni li l-Kummissarju jista' jqis li
tkun adatta li jagħmel, u l-liċenza għandha tindika l-kondizzjonijiet
li taħthom id-detentur ta' liċenza jkun jista' jakkwista,
jittrasferixxi, iżomm jew ikollu fil-pussess tiegħu xi arma tan-nar,
arma regolari u munizzjon.
(2) Kull liċenza li tinħareġ skont dan l-Att għandu jkollha

magħha polza tal-assigurazzjoni għal riskji fil-konfront ta' terzi

skont kif ikun meħtieġ b'regolamenti taħt dan l-Att.

Evidentement dan l-Artikolu huwa preskrittiv ta' dak li liċenza tista tinkludi fiha. Pero dan l-Artikolu ma joħloq ebda reat. Ir-reat ipotizzat mill-Prosekuzzjoni huwa dak previst fl-Artikolu 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk jidher li l-Avukat Ġenerali ġie żgwidat minn dak miktub fil-komparixxi għaliex meta ġie biex jikkwota l-Artikoli fin-nota għar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu li tinstab a fol 86, jirriżulta li huwa kkwota l-Artikolu 27, bħal ma għamel l-Uffiċjal Prosekutur iżda naqas li jikkwota l-Artikolu 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skont kif mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fis-sentenza tal-kawża "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Muscat et**", deċiża nhar it-22 ta' Jannar 2009 : -

> In-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, kif appena tigi presentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tiddefinixxi (u tista' wkoll tirridimensjona billi targina) l-parametri tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet kontra l-akkuzat li jkun.

Kif mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza tal-kawża "**Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**" deċiża nhar id-9 ta' Ġunju 1998, il-Qorti tal-Maġistrati ma tistax issib ħtija oltre l-Artikoli indikati fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali.

Il-Prosekuzzjoni ippruvat li l-imputat ma kienx qiegħed jimxi mal-parametri tal-kundizzjonijiet tal-liċenza tal-kaċċa meta huwa instab fil-pussess tas-senter u l-iskrataċ. Oltre dan, jekk jitwemmen, a tergo ta' fol 90 l-imputat jammetti li huwa kien ħa miegħu is-senter mhux biex jikkaċċja jew jagħmel xi att ieħor preskritt fil-kundizzjonijiet tal-liċenza tiegħu iżda biex joħloq alibi ma' martu biex jaħbi l-allegata laqgħa li kellu jkollu mal-ħabiba tiegħu. Minkejja dan, għar-raġunijiet suesposti din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni u ser ikollha tiddikjarah mhux ħati minnha.

Finalment, in sostenn għar-raba' imputazzjoni il-Prosekuzzjoni ippreżentat kopja awtentika tas-sentenza tal-14 t'Ottubru 2011 li tidher a fol 52 u a fol 51 l-imputat iddikjara li din is-sentenza kienet fil-fatt ġiet mogħtija kontra tiegħu. Il-Qorti tqis għalhekk li din l-imputazzjoni hija pruvata sal-grad li trid il-Liġi. Minn din is-sentenza jirriżulta li l-imputat

kien ġie misjub ħati tar-reat ta' riċettazzjoni t'erbgħa tyres bir-rimmijiet tagħhom u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jerġax jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet snin minn dak in-nhar. Ġara pero li f'anqas minn xahrejn wara kien qiegħed jikkommetti r-reat li għalih huwa ġie mixli fl-ewwel imputazzjoni fil-kawża tal-lum. Jidher li l-imputat qajla fehem il-gravita tal-portata tas-sentenza li kienet ingħatat kontra tiegħu fl-14 t'Ottubru 2011.

Iżda anke hawn, minn qari tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali ma imputax lill-imputat il-ksur tal-kundizzjonijiet ai termini tal-Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet premessi fil-paragrafi preċedenti, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' tali ksur stante din l-omissjoni fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Il-Qorti jidhrilha li tali ksur tal-kundizzjonijiet ipotizzati kellhom ikunu inklużi speċifikament fin-nota tar-rinviju għall-ġudizju għaliex tali ksur jimporta konsegwenza ta' natura penali kontra tal-imputat. Probabbilment l-Avukat Ġenerali ġie mqarraq mill-fatt li l-kawża odjerna qegħda timxi fuq il-komparixxi li tinsab eżibita a fol 9 u mhux dik li tidher a fol 1 (fejn solitament f'dawn il-każijiet il-komparixxi dejjem tkun l-ewwel dokument tal-proċess). Jidher li l-Avukat Ġenerali mexa fuq id-dokument a fol 1 u mhux dak a fol bil-konsegwenza li għalhekk ometta li jinkludi l-Artikoli rilevaneit għar-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti pero wara li ħadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, ħażbet fit-tul dwar il-portata ta' din is-sentenza tal-14 t'Ottubru 2011 u tħoss li f'dan il-każ mhux indikat li l-imputat jingħata piena karċerarja. F'dan il-kaz in disamina, il-Qorti tqis li għalkemm l-imputat ikkommetta s-serq tad-diesel bil-kwalifiki tal-ħin u x-xorta tal-ħaġa misruqa, l-ammont ta' diesel misruq u misjub fil-landa li kienet fil-kaxxa tal-van Toyota kien wieħed żgħir. Il-Qorti m'għandhiex provi li d-diesel kollu misruq mit-tankijiet tat-trailers tal-kumpanija Fahrenheit wettaqhom l-imputat. Il-provi li għandha jippuntaw lejh kwantu għal-dik il-landa li instabet fil-kaxxa tal-van tiegħu li fost affarijiet oħra ma kienetx mimlija kollha. Skont l-Ispettur Cachia, a fol 16 jgħid li bil-prezz tad-diesel ta' dak in-nhar il-valur ta' landa diesel tal-25 litru kien jammonta għal tnejn u tletin euro (€32).

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja. Fl-istat attwali tal-ħajja tal-imputat u fid-dawl tal-interess tas-soċjeta fid-dawl ta' kommissjoni ta' reati simili, il-Qorti tqis li jkun aktar opportun li filwaqt li jħallas tal-ammont li huwa inqabad jisraq lil sid id-diesel, l-istess imputat jingħata l-**<u>aħħar ċans</u>** sabiex minflok jintbagħat il-Ħabs, huwa li jibbenefika minn ordni ta' probation u ta' servizz fil-komunita biex b'hekk irodd xi ħaġa lura b'xogħlu lejn il-komunita, li tibbenifika minn xogħolu bla ħlas għal ġid tagħha.

***GĦALDAQSTANT : -***

Wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċioe' fl-Artikoli 261(a)(f)(g), 262(b), 270, 271(g), 276, 277(a) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-Artikoli 27, 55(a)(b), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li għar-raġunijiet premessi mhix qegħda ssib lill-imputat ħati tat-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minnhom u minn kull ħtija u piena dwarhom, qegħda ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni b'dan pero li qegħda ssibu ħati tas-serq kwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa mingħajr il-kwalifika tal-vjolenza. In kwantu ta' piena, peress li hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat ir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation u Parole Glenn Grixti, a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati Renie Persico taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi : -

(a) tpoggi lill-ħati Renie Persico taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sena millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Renie Persico jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u
(b) tqiegħed lill-istess Renie Persico taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Renie Persico bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Renie Persico.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Renie Persico kull sitt (6) xhur.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna lil Renie Persico sabiex iħallas lil Fahrenheit Freight Forwarders Limited u/jew lil Sandro Mallia s-somma ta' tnejn u tletin euro (€32) rappreżentanti d-danni sofferti minħabba s-serq tad-diesel da parti tal-imputat.

***Mogħtija illum _______ ta' Lulju 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------